

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6591 – Tennet Offshore GmbH/Mitsubishi Corporation/Tennet Offshore 2)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 182/09)

1. Fit-13 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tiegħu Tennet Offshore GmbH ("TOG", il-Ġermanja), li hi kkontrollata minn Tennet Holding B.V. (il-Pajjiżi l-Baxxi) u Mitsubishi Corporation ("MC", il-Ġappun), jieħdu l-kontroll konġunt ta' Tennet Offshore 2 skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Beteiligungsgesellschaft mbH ("HoldCo", il-Ġermanja) permezz tal-akkwist konġunt ta' ishma f'kumpanija li għadha tinħoloq Fil-preżent HoldCo tappartjeni kompletament lil TOG. HoldCo għandha 100 % tal-ishma ta NewCo.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal TOG: it-trażmissjoni tal-elettriku fil-Ġermanja lil hinn mill-kosta,
 - għal MC: il-kummerċ tal-enerġija, tal-metalli; tal-makkinarju, tal-kimiki, tal-ikel u tal-merkanzija ġenerali,
 - għal NewCo: il-bini, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' kejbils BorWin 1/2, HVDC (inklużi stazzjonijiet tal-konverżjoni) li jagħqu xi impjanti ta' enerġija mir-riħ lil hinn mix-xtut fil-Baħar tat-Tramuntana barra mill-kosta Ġermaniża, max-xibka tad-distribuzzjoni fil-Ġermanja.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6591 – Tennet Offshore GmbH/Mitsubishi Corporation/Tennet Offshore 2, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").